**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 275/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Bond)**

**Vs**

**MARIO CAMILLERI**

**Illum, 15 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mario Camilleri talli fl-14 ta'Gunju, 1999, ghal habta ta'bejn is-1.00 p.m. u s-1.30 p.m., waqt li kien f'Imdina Road, Qormi, attakka lill-Josephine Scicluna, u b'oggett iebes taha diversi daqqiet fuq wiccha, sidirha w darha, u kkagunalha offizi gravi f'imniehirha, kif ukoll sfregju permanenti f'wiccha w offizi ta'natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet, fuq mohha, sidirha w darha, skond ma verbalment iddikjarat it-tabiba Caroline Micallef ta' l-Isptar San Luqa. Gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 29 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Mario Camilleri hati ta'dawn l-akkuzi, u kkundannatu tmintax (18) il-xahar prigunerija li ai termini ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, gew sospizi ghal zmien sentejn, oltre rabtitu b'obbligazzjoni tieghu li b'ebda mod ma jimmolesta lill-imsemmija Josephine Scicluna ghal zmien sena mid-data tas-sentenza taghha taht penali ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Rat ir-rikors t'appell ta'Mario Camilleri datat 7 ta'Dicembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti w tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Senghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dwar l-ewwel hekk imsejjah aggravju ta' l-appellant, fir-realta' dan ma hu aggravju xejn. L-appellant jilmenta mill-fatt li, skond hu, il-pulizija mxiet bi pregjudizzju kontra tieghu ghaliex hu kien ghamel rapport kontra Josephine Scicluna w l-pulizija ma hadet ebda passi kontriha, filwaqt li hadet passi kontrih biss.

Dan mhux tip ta'aggravju li ghandu jingieb mill-appellant fl-appell tieghu quddiem din il-Qorti. Kif hu ben saput, persuna tista' tappella quddiem din il-Qorti biss minn sentenza moghtija minn Qorti Inferjuri fil-konfront tieghu fejn ikun gie dikjarat u misjub hati w li permezz taghha hu jhossu b'xi mod aggravat. Ghalhekk mhux koncepibbli li l-appellant jivventola l-ilment u kritika tieghu kontra l-pulizija quddiem din il-Qorti, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, ghandu ragun f'dan l-ilment tieghu. Din il-Qorti mhiex qedha hawnhekk sabiex hi tindaga dwar l-operat tal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha. Se mai, jekk l-appellant ihoss li l-pulizija iddiskriminat fil-konfront tieghu, hu kellu rimedju band'ohra, izda certament mhux quddiem din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti mhiex qed tiehu konjizzjoni ta' dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant.

Dwar it-tieni aggravju ta' l-appellant, hawnhekk jidhol in xena id-dispost ta' l-Artikolu 646 (7) tal-Kodici Kriminali li jippermetti li tabib registrat, minflok ma jidher personalment quddiem il-Qorti, jaghmel certifikat li hu jikkonferma b'affidavit. Dan id-dispost ikompli jghid li b'dana kollu kull parti fil-proceduri jkollha l-fakolta' li tressaq dan it-tabib biex jigi ezaminat '*viva voce'* fil-Qorti.

Issa fil-kaz prezenti, l-appellant bazikament mhux qed jikkontesta dak li jiddisponi l-imsemmi Artikolu, izda qed jghid li dak li jirrikjedi strettament dan l-Artikolu ma giex osservat f'dawn il-proceduri ghaliex l-affidavit allegatament maghmul mit-tabiba Caroline Micallef ma jirrizultax car li kien gie konfermat bil-gurament quddiem min bil-ligi ghandu s-setgha li jaghti l-gurament. A bazi ta' din is-sottomissjoni tieghu, ghalhekk, l-appellant jghid li l-ewwel Qorti kienet zbaljata li accettat dan l-affidavit bhala prova valida w ammessibbli w li, kif jidher, ibbazat is-sentenza taghha fuqu ghal dak li hija n-natura tal-feriti allegatament sofferti minn Josephine Scicluna.

Wiehed hawnhekk necessarjament ghandu jara x'jirrizulta mill-atti f'dan ir-rigward.

Jirrizulta mill-atti li l-imsemmi affidavit gie prezentat quddiem l-ewwel Qorti permezz ta'Nota tat-Tabib Principali tal-Gvern datata 18 ta'Jannar, 2000, u dan wara li hafna tentattivi biex it-tabiba Caroline Micallef titla tixhed 'viva voce' quddiem l-ewwel Qorti kienu kollha fallew. Jirrizulta li fl-ewwel opportunita' li kellu wara l-prezentata ta' dan l-affidavit, l-appellant fis-seduta ta' l-10 ta'Marzu, 2000, kien talab lill-ewwel Qorti sabiex dan l-affidavit jigi sfilzat stante li fil-fehma tieghu kien wiehed irregolari. Ghal xi raguni jew ohra, l-ewwel Qorti baqghet bla ma qatt tat il-provvediment taghha dwar din it-talba hlief bhala parti integrali tas-sentenza finali taghha tad-29 ta'Novembru, 2000, cioe', ezattament tmin (8) xhur wara l-imsemmija talba ta' l-appellant, fejn iddikjarat li ma kienetx qed tilqa' it-talba ghall-isfilz ta' dan id-dokument maghmula mill-appellant, allura imputat. Ovvjament dan in-nuqqas ta' l-ewwel

Qorti wassal ezattament ghal dawk il-konsegwenzi legali li qed jilmenta minnhom l-appellant f'dan it-tieni aggravju tieghu.

Hu veru li l-ligi ma tghid xejn dwar meta Qorti ghandha taghti l-provvedimenti taghha fuq talbiet li jsirulha. Izda, mill-banda l-ohra huwa propju fl-ahjar interess ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja, kif ukoll sabiex kull procediment jidher li kjarament qed jsir u jitmexxa b'mod l-aktar imparzjali u gust, li kull Qorti ghandha taghti l-provvedimenti taghha, specjalment meta jkunu dwar xi prova li l-ammessibilita' taghha qed tigi kontestata, fl-aqsar zmien possibbli wara li jkunu sarulha xi talbiet jew, ghal-anqas, fi zmien ragjonevoli wara li jkunu saru dawk it-talbiet. Fil-kaz prezenti, kienet haga ferm infelici li l-ewwel Qorti baqghet bla ma pprovdiet xejn fuq din it-talba ta' l-appellant waqt li l-proceduri kienu ghadhom ghaddejjin, b'mod li allura, kieku ghamlet hekk, l-allura imputat kien ikun f'qaghda li setgha jirregolarizza l-posizzjoni tieghu skond l-esigenzi rizultanti w in bazi tal-provvediment moghti minn dik il-Qorti. Fil-fatt, stante li l-ewwel Qorti ddecidiet li ma tilqax din it-talba ta' l-allura imputat biss fil-korp ta', u bhala parti tas-sentenza taghha, allura b'hekk hu gie mqieghed fil-posizzjoni li ma setgha jaghmel xejn. Hu f'dan is-sens ghalhekk li din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta halliet din id-decizjoni taghha propju ghall-ahhar u nkludieta biss bhala parti mis-sentenza taghha.

Issa pero', kif intqal qabel, l-ilment ta' l-appellant hu li dan l-affidavit, fi kwalunkwe kaz, kellu jigi sfilzat ghaliex kien wiehed maghmul irregolarment. Bla dubju ta' xejn, din il-Qorti taqbel ma' l-appellant. Sabiex affidavit ikun validu legalment huwa essenzjali, taht piena ta' nullita', li d-dikjarazzjoni jew kontenut ta' dak l-affidavit jigi konfermat bil-gurament quddiem persuna li bil-ligi hija awtorizzata li taghti l-gurament. Mid-dokument esebit permezz tan-Nota tat-Tabib Principali tal-Gvern tat-18 ta'Jannar, 2000, dan ir-rekwizit huwa manifestament mankanti. Dan is-suppost affidavit, li jinsab a fol 49 tal-atti tal-kumpilazzjoni, bla ebda mod ma jaghmel xi riferenza jew isemmi min kienet il-persuna awtorizzata li taghti l-gurament skond il-ligi u li, allegatament, it-tabiba Caroline Micallef ikkonfermat bil-gurament quddiemha l-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni taghha. Bla ebda tlaqliq ta'xejn, huwa minnu, ghalhekk, li dan l-affidavit huwa maghmul b'mod irregolari w fil-mod kif huwa maghmul u prezentat huwa wiehed null. Il-konsegwenza ta' dan hija li wiehed ma jistghax allura jiehu konjizzjoni tal-kontenut ta' dak id-dokument jew jaghtih valur probatorju. L-appellant ghandu ragun jghid li dak id-dokument kellu jigi sfilzat mill-ewwel Qorti. Bla ebda dubju ta' xejn dan id-dokument kif redatt ma jikkostitwiex prova valida jew ammessibbli. Jekk l-ewwel Qorti ma setghetx tordna jew tichad l-isfilz tieghu meta kienet ghadha fl-istadju ta' l-Istruttorja, certament kellha zmien bizzejjed biex taghmel dan wara li saret Qorti ta'Gudikatura Kriminali. Kien propju f'dak il-hin li dik il-Qorti kellha tipprovdi fuq it-talba ta' l-allura imputat u mhux tipprovdi fuqu, kif ghamlet, fil-korp tas-sentenza taghha. Mhux argument li l-appellant, allura imputat, setgha fi kwalunkwe kaz iressaq lit-tabiba Caroline Micallef sabiex tixhed 'viva voce', u dan ghaliex kif svolgew il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, dan hu qatt ma setgha jaghmlu sakemm l-ewwel Qorti kienet ghadha ma ddecidietx tilqax jew le it-talba tieghu ghall-isfilz tad-dokument imsemmi.

F'dan it-tieni aggravju tieghu,l-appellant ikompli jghid li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tisma lill-imsemmija tabiba wara li l-Avukat Generali kien gja' bghat l-atti sabiex dawn jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali. Hawnhekk l-appellant huwa skorrett. Dik il-Qorti, qua Qorti ta'Gudikatura Kriminali, dejjem setghet 'ex officio' u ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, tisma lil din ix-xhud 'viva voce', u dan fi kwalunkwe stadju, anke meta, ghall-grazzja ta' l-argument, il-prosekuzzjoni kienet gja' iddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha. Mill-atti jirrizulta li dik il-Qorti kienet ordnat li tinstema din ix-xhud minghajr pregjudizzju ghall-oggezzjoni sollevata mill-imputat dak iz-zmien. Sa hawnhekk ma hemm xejn hazin legalment. L-ewwel Qorti kienet pjenament korretta f'dak li ghamlet proceduralment. Li stranament gara pero', li anke f'dan il-kaz, bhal ma kienet gja' ghamlet dwar it-talba ta' l-imputat ghall-isfilz ta' l-affidavit ta' l-imsemmija tabiba, l-ewwel Qorti baqghet bla ma pprovdiet xejn dwar it-talba jew oggezzjoni ta' l-imputat, u kien biss fil-korp tas-sentenza taghha, ghal darb'ohra, li qalghet li qed tordna l-isfilz tax-xhieda moghtija 'viva voce' mill-imsemmija tabiba.

Din il-Qorti ma tistghax tifhem ghaliex u kif dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni meta kienet pjenament korretta li tisma w tammetti bhala prova valida x-xhieda 'viva voce' tat-tabiba Micalle anke fl-istadju finali ta' dawn il-proceduri quddiemha. Hu propju ghalhekk, mela, li b'din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tisfilza dak kollu li qalghet 'viva voce' l-imsemmija tabiba, flimkien mad-decizjoni taghha li tammetti bhala prova valida l-imsemmi affidavit, ghalkemm maghmul u formulat irregolarment, li allura, l-imputat sab ruhu fil-posizzjoni infelici jew zvantaggjata li bla ebda mod ma setgha jikkontrolla dak li xehdet l-istess tabiba.

Il-konsegwenza legali w naturali jew logika ta' dan l-agir ta' l-ewwel Qorti, safejn jirrigwardaw dawn l-ilmenti ta' l-appellant, ghalhekk, hu li ghandu ragun jissottometti li dik il-Qorti kienet proceduralment zbaljata meta (**1**) ma ordnatx l-isfilz ta' l-affidavit maghmul irregolarment u mhux skond il-ligi, u (**2**) li ordnat l-isfilz tax-xhieda 'viva voce' tat-tabiba Micallef, aktar u aktar meta dik il-Qorti ipprovdiet f'dan is-sens mhux waqt li l-proceduri kienu ghadhom ghaddejjin quddiemha, b'mod li allura l-imputat setgha jirregolarizza l-posizzjoni tieghu jekk u kif mehtieg, izda ipprovdiet b'dan il-mod zbaljat fil-korp tas-sentenza appellata, u, meta, allura, l-allura imputat qatt ma setgha jkun f'posizzjoni li jiehu dawk il-passi rimedjali li setgha kienu disponibbli ghalih altrimentri skond il-ligi.

Sa hawnhekk ghalhekk, din il-Qorti qedha taccetta dan it-tieni aggravjiu ta' l-appellant dwar l-operat procedurali ta' l-ewwel Qorti.

Issa, minkejja dak kollu li gja' intqal, l-Qorti trid tara jekk l-appellant ghandhux ragun fit-**tielet aggravju** tieghu li bih qed jghid li l-ewwel Qorti, gja' la darba kellha tordna l-isfilz ta' l-affidavit, allura, fl-assenza ta' dak id-dokument ma hemm ebda prova fl-atti li turi li Josephine Scicluna kienet sofriet xi feriti ta' natura gravi. Fuq dan il-punt, mill-aspett akkademiku biss, ghandu jigi rilevat li sabiex tigi ppruvata offiza gravi, ma hemmx bzonn necessarjament ix-xhieda ta'tabib. Skond kif jiddisponi l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali,

galadraba jirrizulta li hemm ferita fil-wicc, tali ferita ghandha titqies bhala gravi w dan irrespettivament minn jekk dik hiex ta'natura permanenti jew le. Ic-cirkostanza tal-permanenza o meno ta' dik il-ferita fil-wicc tittiehed in kunsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk dik l-offiza kienetx gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 biss, jew kienetx gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218. L-ewwel Qorti setghet tara b'ghajnejja stess jekk Josephine Scicluna kellhiex ferita f'wiccha jew le. Indubjament dan irrizulta bhala fatt li certament kellha ferita f'wiccha, u ghalhekk japplika l-imsemmi Artikolu 216 (1) (b) tal-Kap. 9, fis-sens li l-ferita sofferta minn din Josephine Scicluna kienet wahda ta'natura gravi ghaliex maghmulha fil-wicc.

Jigi wkoll rilevat li skond gurisprudenza kostanti ricenti, mhux necessarju li sabiex issir l-prova ta'offiza, 'per se', hemm bzonn ta' certifikat mediku jew tax-xhieda tat-tabib li jkun rrilaxxja tali certifikat. Tali certifikat u xhieda tat-tabib huma mehtiega f'kaz li hemm xi kontestazzjoni rizultanti minn xhieda jew cirkostanzi ohra dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni fuq is-semplici fatt jekk Josephine Scicluna kellhiex jew le feriti fuq wiccha. Ghalhekk, f'dan il-kaz il-bzonn ta'certifikat sabiex jikkonferma li din kellha tali ferita ma kienx essenzjali. Hawnhekk, ghalhekk, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant li gja' la darba l-affidavit tat-tabiba Micallef ghandu jigi sfilzat, allura ma tirrizulta ebda prova li Josephine Sciculna kienet sofriet ferita ta' natura gravi. Ma hemm ebda dubju li bhala fatt biss, din kienet effettivament sofriet tali ferita u dan ai termini ta' l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kap. 9. Dan it-tielet aggravju ta' l-appellant, ghalhekk, huwa respint.

Jibqa' ghalhekk **l-ahhar aggravji** ta' l-appellant Mario Camilleri, dawk fattwali, li facilment jistghu jigu kunsidrati flimkien, ghaliex huma purament kwistjoni ta' apprezzament ta'provi, u li fuqhom jiddependi kollox jekk l-appell tieghu jigiex milqugh jew michud.

Skond l-appellant, l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li kellha, qatt ma setghet tasal sabiex issib htija fih, aktar u aktar meta dik il-Qorti stess qalghet u ammettiet li kien hemm diversi anomaliji fix-xhieda ta'Josephine Scicluna.

Kif hu ben not, il-funzjoni ta' din il-Qorti hi li tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li kellha quddiemha, setghetx jew le ragjonevolment u legalment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun waslet ghalihom.

Mill-apprezzament tal-provi li ghamlet din il-Qorti sabiex tkun f'posizzjoni li tista' taqdi l-funzjoni taghha appena msemmija, preliminarjament ghandha tiddikjara li taqbel bis-shih ma' l-ewwel Qorti li kien hemm diversi anomaliji fix-xhieda ta'Josephine Scicluna. Taqbel ukoll li jekk l-appellant dam ghaxar minuti, kif qalghet din Scicluna, jaghtiha b'mazza tqila tal-hadid fuq wiccha u fuq partijiet ohra ta' gisimha waqt li zammha ma' l-art, logikament wiehed kien ragjonevolment jistenna li l-feriti li din sofriet kellhom indubjament ikunu ta'natura w gravita' ferm u ferm aktar minn dawk li attwalment sofriet. Il-feriti li jidhru fuq il-persuna ta' din Scicluna, skond ritratti minnha esebiti, certament ma jaghtu l-ebda indikazzjoni sal-grad tac-certezza morali li dawn kienu feriti

kagunati minn istrument bhala dak li hi allegat li sawwatha bih l-appellant, u ghal tul taz-zmien li hi qalghet li dam jaghtiha b'dik il-mazza.

Naturalment hemm ukoll il-verzjoni ta' l-appellant li jichad kategorikament li kien uza tali istrument fuqha, u jghid li veru gew fl-idejn, izda il-ferita li tidher fuq wiccha giet kagunata meta hi waqghet ma' l-art u habtet wiccha max-xifer tal-bankina.

Rinfaccjata b'dawn iz-zewg verzjonijiet konflingenti, apparti l-fatt li l-appellant jallega li kienet Scicluna li attakkatu l-ewwel, li ilha imqabda mal-familja tieghu ghal zmien twil, u li hu irreagixxa meta safa aggredit minnha, il-Qorti tara li mill-provi prodotti, mill-assjem taghhom, specjalment mix-xhieda xejn konvincenti ta'din Josephine Scicluna, certament l-appellant lahaq il-grad tal-probabbli f'dak li qed jghid, b'mod li, ghalhekk, hemm dubju ragjonevoli fil-verzjoni tal-fatti kif allegati mill-prosekuzzjoni. Hu f'dan is-sens ghalhekk li din il-Qorti tara li in bazi ta' dawn il-provi, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju tieghu fuq il-meritu huwa akkolt.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti, ghalhekk, tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta'Mario Camilleri, tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, u tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur